MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2013

Numru. 265/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs.**

**Daniel Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Daniel Mizzi iben Carmel u Mary nee’ Barbara mwieled Awstralja fis-6 ta’ Marzu 1980 u residenti gewa Bundeena Triq tal-Qattus Hal Ghaxaq.

Akkuzat talli fis-7 ta’ Dicembru 2010 ghall-habta ta’ 2.30am u 2.45am gewwa Vjal De La Cruz Qormi

(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa

ikkopera mal-pulizija, u li l-fedina penali aggornata tieghu fiha tliet kundanni li tnejn minnhom huma ghal pussess semplici ta' eroina.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101, kif wkoll ir-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u l-Parole.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------